MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2014

Avviz Numru. 146/2014

**Bank of Valletta plc**
**(C 2833)**

**vs**

**Claude Camilleri**
**(ID 426885M)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-28 ta' April 2014 fejn is-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' erbat elef, mitejn u erbgha u erbghin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€4,244.87) rapprezentanti bilanc ta' *Loan Account* mahrug mas-socjeta rikorrenti u pendenti, kif ahjar deskritt fl-avviz.

Bl-ispejjez kif deskritti fl-avviz, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali 3565/13 kontra l-intimat li huwa ingunt in subizzjoni u bl-imghax mill-11 ta' April 2014.

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz propjru gew notifikati permezz tal-pubblikazzjoni u affissjoni u dana billi, fit 2 ta' Gunju 2014,

saret l-affissjoni gewwa l-Kunsill Lokali, Zejtun u l-Ghassa tal-Puluzija gewwa Zejtun (fol 33 tergo), saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern fid-19 ta' Awissu 2014 (fol 32) u fil-gazzetti l-Orizzont fit-2 ta' Settembru 2014 u Malta Independent fit 3 ta' Settembru 2014 (fol 35 u 36).

Illi fis-seduta ta' l-10 ta' Novembru 2014 is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut (fol 40).

Rat illi fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2014 il-konvenut gie imsejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici tghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tal-istess socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenut ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef, mitejn u erbgha u erbghin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€4,244.87) ghar-ragunijiet kif ahjar deskritt fl-avviz.**

**Bl-imghax mill-11 ta' April 2014 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kontra l-konvenut kif mitluba.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------